MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 583/2007

**Maltacom Plc (C 22334) u b'digriet moghti fis-6 ta' Dicembru, 2007, is-socjeta' attrici bidlet isimha ghal Go Plc**

**Vs**
**Maria Dolores Schraner (ID 108858 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija, sitta u tmenin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm 386.22) (Euros 898.19), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Maltacom Plc, in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21821066 (A/C 10042654, CN 1031378) skond diversi kontijiet mibghuta lilhom u skond dokumenti annessi mat-talba.

Dok A – Prospett
Dok B - Kuntratt

Dok C – Estratt mir-registru elettorali

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti  u d-dokumenti kollha li gew  ipprezentati f'din il-kawza.

Ra illi fl-10 ta' Dicembru, 2007 gie pprezentat Kapitolu mill-Avukat Keith Grech.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------